



Brussell, 22 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11707/25

**AG 117
INST 225
CONSUM 145
SOC 532
TRANS 307**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 4754 final
Suġġett:	DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 16.7.2025 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Save your right, save your flight" (Aqbeż għal drittijietek; titlifx it-titjira!)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 4754 final.

Mehmuż: C(2025) 4754 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
C(2025) 4754 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'16.7.2025

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Save your right, save your flight” (Aqbeż għal drittijietek; titlifx it-titjira!)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

MT

MT

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'16.7.2025

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Save your right, save your flight” (Aqbeż għal drittijietek; titlifx it-titjira!)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b’mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Talba għar-reġistrazzjoni ta’ inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Save your right, save your flight!” (Aqbeż għal drittijietek; titlifx it-titjira!) intbagħtet lill-Kummissjoni fit-18 ta’ Ġunju 2025.
- (2) L-organizzaturi tal-inizjattiva jirreferu għal “bidliet fid-drittijiet tal-passiġġieri li se jnaqqsu l-protezzjonijiet li l-vjaġġaturi ilhom jiddependu fuqhom għal għoxrin sena”. Huma jqisu li dawk il-bidliet se jirriżultaw f’telf ta’ ħin, ta’ flus u ta’ drittijiet meta mqabbla mal-livell ta’ protezzjoni offrut mil-leġiżlazzjoni attwali. L-għan tal-inizjattiva, kif espress mill-organizzaturi, huwa li titlob it-treġġigħ lura ta’ “bidliet ostili għall-passiġġieri” u ż-żamma tal-“limiti ta’ eliġibbiltà għall-kumpens attwali”.
- (3) L-anness tal-inizjattiva jipprovdi dettalji ulterjuri dwar l-isfond tagħha, is-suġġett tagħha u l-objettivi tagħha. Huwa jirreferi għall-proposti tal-Kunsill relatati mal-introduzzjoni ta’ “skadenza għall-ipproċessar ta’ talbiet għal kumpens (sa 14-il jum)”, li jiggarrantixxu “d-dritt tal-konsumaturi għall-informazzjoni dwar il-kawżi tad-dewmien” u li titwaqqaf “lista definitiva ta’ każijiet eliġibbli għal kumpens, abbażi tal-ġurisprudenza stabbilita tal-QĠUE”.
- (4) Il-Kummissjoni tqis li tista’ tadotta proposta għal regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fl-Unjoni abbażi tal-Artikolu 91(1) u tal-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (5) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa’ manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implementazzjoni tat-Trattati.
- (6) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni tagħixxi, inkluża l-konformità mal-principi tal-

¹

ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>

proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.

- (7) Il-grupp ta' organizzaturi pprovda evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagraphu, ta' dak ir-Regolament.
- (8) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minquxin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamental tal-Unjoni Ewropea.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata "Save your right, save your flight!" (Aqbeż għal drittijietek; titlifx it-titjira!) tīġi rreġistrata.
- (10) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva emendata, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Save your right, save your flight!" (Aqbeż għal drittijietek; titlifx it-titjira!) għandha tīġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "Save your right, save your flight!" (Aqbeż għal drittijietek; titlifx it-titjira!), irrappreżentata minn Marian Edward FILA u Nina-Raluca BUCĀTARU li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, 16.7.2025

*Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIĆ
Membra tal-Kummissjoni*